*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21696988 - Fax 00356 21696777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 70/2024 it-Tmien Leġislatura

Data: L-Erbgħa, 17 ta' April 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Assenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**70.1 Ittri ta' Aapoloġija**

70.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li hija ġiet infurmata mis-Sur Pace sabiex ikun skużat għal din il-laqgħa. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Debattista, is-Sur Pace ġie mniżżel bħala skużat filwaqt li s-Sa. Marmara tniżlet bħala assenti peress li ma nfurmatx li ma kinitx ser tattendi.

**70.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.69**

70.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.69 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**70.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 58**

70.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Neil Portelli u s-Sa. Darlene Vella ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-26 ta' Marzu 2024 u s-17 t' April 2024 li kienet tammonta għal €81,228.24.

ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL

73, ST. MARY STREET

TARXIEN. TXN 1704

Tel 00356 21696988 - Fax 00356 21696777 - email:- tarxien.lc@gov.mt

**70.4 Punti mill-Minuti**

**70.4.1 Proġett tal-Pjazza**

Is-Sindku semma li Infrastruttura Malta kellhom jikkomunikaw data f' Mejju sabiex issir it-tnedija tal-proġett tal-pjazza wara li l-proġett ser ikun ukoll viżwalment lest.
Semma wkoll li l-Kunsill kien iddeċieda li ssir l-emblema tal-Kunsill f' nofs il-pjazza, semma li din ser tkun tal-franka u bil-kulur. Semmew ukoll li taħt l-emblema għandu jkun hemm il-motto tal-lokal miktub bil-Latin. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv semmiet li kellha titkellem kemm mal-Perit kif ukoll mad-disinjatur.
Semma wkoll li għandu jkun hemm kuntatt mal-Każin tal-Madonna tad-Duttrina rigward il-bieb tax-xelter. Dan sabiex wieħed jiddetermina jekk dan iridx jeħel mill-kuntrattur li ser ikun qed jaħdem fil-pjazza jew jekk hux ser jieħdu ħsiebu min-naħa tagħhom.
Is-Sindku semma wkoll li l-karreġjata minn fejn ser ikunu qed jagħddu l-karozzi ser tkun qed tingħata t-tarmak u mhux ser tkun pavimentata.

**70.4.2 Fondi Norveġiżi – Ġnien Joanne**

Is-Sindku semma li x-xogħol ġewwa l-ġnien kien lest. Semma wkoll li l-attivita' ta' tnedija tal-proġett kienet waħda ta' suċċess. Il-kunsilliera preżenti qablu kollha u f' isem il-Kunsill irringrazzjaw lill-ħaddiema kollha li taw sehemhom sabiex din l-attivita' kienet waħda ta' suċċess.

**70.4.3 Bandli Veliko Turnovo**

Is-Sindku informa li x-xogħol kien għaddej semma wkoll li minħabba li waqt li beda jinqala' x-xogħol, il-Perit tal-Kunsill flimkien mal-Perit tal-Kuntrattur irrimarkaw li soft flooring niżel inqas minn 4cm għaldaqstant ma jistax jiġu installati bandli fuqu għaliex mhux ser ikunu skond ir-regolamenti tas-saħħa u s-sigurta'. Semma wkoll li dawk il-bandli li ġew imniżla li ser ikollhom bżonn manutenzjoni peress li għadda daqsxejn iż-żmien, dawn ma jistgħux jittranġaw u l-Kunsill ser ikollu jibdilhom. Semma li l-ispiża addizzjonali hija ta' madwar €30,000. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Thomas

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21696988 - Fax 00356 21696777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

Debattista u approvat unanimament il-Kunsill approva din in-nefqa li ser tkun qed titħallas mir-riservi tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **70.4.4 Wrapping tal-Van** | Is-Sindku semma li l-kwotazzjonijiet kienu inġabru kif ukoll id-disinn kien lest. Semma li dan ix-xogħol ser ikun qed isir nahar 9 ta' Mejju, għaldaqstant fid-9 u l-10 ta' Mejju s-servizz tal-van ser ikun wieqaf. |
| **70.4.5 Ground 5 a side** | Is-Sindku semma li dan il-proġett flimkien ma' dak tal-bandli ser ikun imniedi nahar 29 ta' Mejju fis-18:30 mill-Ministru l-Onor Byron Camilleri u s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Alison Zerafa Civelli. |
| **70.4.6 Ġnien Penza** | Is-Sindku semma li l-applikazzjoni taħt l-iskema SPI 02/2024 kienet ġiet sottomessa u beda wkoll il-proċess mill-Perit sabiex jiddaħħlu l-applikazzjonijiet mal-Awtorita' tal-Ippjanar. |
| **70.4.7 Assistent Prinċipal fi skala 11 – Board tal-Għażla** | Is-Sindku semma li jrid jinħatar board tal-intervisti peress li kienu daħlu xi applikazzjonijiet mill-Jobsplus. Is-Sindku semma li huwa kien ser jibqa' barra minn dan il-board u talab lill-kunsilliera min jixtieq ikun fil-board tal-għażla flimkien ma' żewġ membri esterni. Is-Sa. Vella semmiet li hija disponibbli, kien ukoll nominat is-Sur Ismael Dalli u s-Sur Chris Pace. Kien hemm qbil li l-Board għandu jiltaqa' jekk iż-żewġ membri esterni kif ukoll żewġ membri tal-Kunsill ikunu disponibbli. |

70.4.8 Is-Sur Ismael Dalli daħal għal-laqgħa fis-19:00.

**70.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2024**

70.5.1 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Darlene Vella, il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju b' surplus ta' €44,845 għall-ewwel kwart tas-sena 2024.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21696988 - Fax 00356 21696777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

**70.6 Komunikazzjoni oħra**

70.6.1 Mozzjoni mill-Kunsillier is-Sur Neil Portelli rigward l-użu tal-ground 5-a-side. Mozzjoni annessa mal-Minuti u mmarkata bħala Dok A hekk kif preżentata mill-Kunsillier. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti kien hemm qbil rigward l-isem tal-Grawnd, li dan għandu jissemma għal Mark Farrugia. Filwaqt li talbu lis-Sur Portelli sabiex jikkomunika ma' Tarxien Rainbows sabiex jintleħaq ftehim fuq l-użu tal-grawnd kemm mill-komunita' kif ukoll mill-organizazzjonijiet.

Bdew ukoll diskussjoni dwar pjan ta' manutenzjoni kif ukoll l-probabbilita' li l-gazebo tkun tista' tinfetaħ bħala tuck shop.

**70.7 Aġġornament**

70.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nahar it-Tlieta, 7 ta' Mejju 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Dok A

**Justine Decelis**

---

**From:** Neil Portelli <portelli.neil@hotmail.com>
**Sent:** 11 April 2024 09:16
**To:** Lianne Cassar
**Subject:** Mozzjoni - KL Tarxien

Għażiża Segretarju Eżekuttiv,

Nispera tinsab tajjeb.
Qiegħed nibgħat din il-mozzjoni sabiex titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa nhar l-Erbgħa 17 t'April 2024. Il-mozzjoni taqra hekk kif ġej:

Qiegħed inressaq din il-mozzjoni għall-approvazzjoni tagħkom sħabu kunsillieri b'rabta mal-użu tal-5-a-side pitch. Kif nafu, ix-xogħol fuq il-5-a-side pitch wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu. Għaldaqstant qiegħed nipproponi sabiex isir agreement bejn il-Kunsill Lokali, il-klabb Tarxien Rainbows F.C. u l-Għaqdiet lokali. L-agreement ikun jinkorpora li l-klabb ta' Tarxien Rainbows ikun intitolat għall-certu ħinijiet fil-ġimgħa (bi qbil bejn il-partijiet konċernati) li waqt dan il-ħin ikun jista jsir fih taħriġ tal-akkademja tal-istess klabb kif ukoll li niggarantixxu li l-Għaqdiet Lokali jkunu jistgħu jgħamlu użu minn dan l-istess pitch (fejn itellgħu xi attivita, dejjem li tippermetti li ssir fuq il-wiċċ tal-art) bla ħlas għal darba fis-sena. Għandom jiġu preparati wkoll linji gwida li kull għaqda għanda tħares sabiex tikkwalifika għall dan l-inċentiv. Ma ninsewx li dawn huma fondi mgħotija lilna minn Komunita Malta u hija xi ħaġa sabiħa lil-komunita' tgawdi minn dan il-proġett ukoll.

Grazzi bil-quddiem,

**Neil Portelli**
**Tarxien Local Councillor - Youths, Children, Sports and Physical Activities**

*Please do not print this email unless it is necessary. Every unprinted email helps the environment.*